# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 15 ta` Novembru, 2017.**

**Talba Nru: 151/2017PA**

**Aluserv Limited**

**vs**

**David Bonnici**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-23 ta` Marżu 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi ppremettiet li l-konvenut kien inkariġaha biex tagħmillu xogħol ta` *aluminium*; li x-xogħlijiet ordnati saru u ġew stallati hekk kif l-istess konvenut ta struzzjonijiet; li l-prezz ta` dan ix-xogħol jammonta għal elfejn, ħames mija, wieħed u disgħin Ewro, erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€2,591.44ċ), u talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha l-imsemmija somma, bl-ispejjeż tal-ittra uffiċjali bin-numru 1257/16, u bl-ispejjeż ta` din il-kawża.

Ra d-dokument anness mal-Avviż tat-Talba, senjatament kopja leġali tal-ittra uffiċjali eżekuttiva bin-numru 1257/16 preżentata fit-30 ta` Ġunju 2016 (fol.2-3).

Ra li l-konvenut, debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, ma ppreżentax Risposta, u lanqas deħer biex jikkontesta l-kawża.

Ra li r-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi, Mark Vassallo, kkonferma bil-ġurament li l-ammont mitlub għadu dovut lis-soċjeta` attriċi mill-konvenut bħala bilanċ tal-prezz ta` xogħol ta` *aluminium* fl-aperturi li wettqet għall-istess konvenut, filwaqt li ppreżenta kopja tal-*istatement* relattiv.

Jidhirlu li t-talba tas-soċjeta` attriċi għall-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta` elfejn, ħames mija, wieħed u disgħin Ewro, erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€2,591.44ċ), bilanċ ta` prezz ta` xogħol u materjal ta` aperturi tal-*aluminium*, tirriżulta suffiċjentement pruvata, fuq bilanċ ta` probabilita`, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, dan it-Tribunal jilqa' t-talba tas-soċjeta` attriċi u jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` elfejn, ħames mija, wieħed u disgħin Ewro, erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€2,591.44ċ), bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**
**Ġudikatur**